# LIL OMMI MEJTA

**Ta' Wallace Ph. Gulia**

After life's fitful fever he sleeps well."
"Tis that repeated shocks again, again,
Benumb the elastic powers."

intbaht bin-nuqqas tiegħek l-ewwel darba
mhux meta l-aħħar nifs minn ħalqek ħareġ,
u ħaġa mejta bqajt bħas-sodda tiegħek,
bla ħsieb, bla ħars u bla taħrik.
Qisek rieqda w msitrieħa wisq stħajjiltek
u wiċċek seraq leħħa ta' xbubitu—
bħal kieku kien il-ħsieb li jxejjaħ, joqtol,
u mhux iż-Żmien li jagħnet waqt li ngħixu.

Intbaht li wisq kont nieqsa xħin stennejna
waqt li ġo kaxxa b'sengħa wisq maħsuba
kont maqfula. Min ġej, min sejjer kien,
u ż-żmien kien wasal qrib u ma rajtekx;
u biex ikiddni għadda ħsieb minn rasi:
"Kif għad mhix hawn; Sa tħalli min jistenna?"
U nfqajt bla ħsieb, bla kliem, u bkejt tarbija.